DIĊEM - 2004

Ħarga nru 6

# Qim

## Rivista Liturgika

Segretarjat għal-Liturġija
Kurja ta' l-Arċisqof | Floriana
Tel: 2590 6145 | Email: info@liturgija.com
www.liturgija.com

Editur: Fr Jesmond Manicaro



# IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA

F'DIN IL-ĦARĠA

Editorjal 01 It-Tifsira u l-valur tat-talb ta' filgħodu u ta' filgħaxija 03 Yom Kippur 09
Ċelebrazzjoni għall-aħħar jum tas-sena ċivili 13 Ċelebrazzjoni fil-bidu tas-sena ċivili 15

## EDITORJAL

***Nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2004, waqt l-omelija fl-okkazjoni tas-solennita' tal-Ġisem u tad-Demm ta' Ġesù, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħabbar "is-sena ta' l-Ewkaristija"***

Din is-sena ta' l-Ewkaristija infetħet bit-48 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Guadalajara, l-Messiku bejn l-10 u s-17 ta' Ottubru. Is-suġġett magħżul kien "L-Ewkaristija: Dawl u ħajja għall-Millenju l-ġdid". Din is-sena tagħlaq bis-sinodu ta' l-Isqfijiet li sejjer isir fil-Vatikan bejn it-2 u d-29 ta' Ottubru 2005. Is-suġġett magħżul għal dan is-sinodu hu: "L-Ewkaristija: l-għajn u l-quċċata tal-ħajja u l-missjoni tal-Knisja."

Biex jgħinna fir-riflessjoni tagħna f'din is-sena ta' l-Ewkaristija, nhar is-7 ta' Ottubru 2004, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ l-ittra appostolika *Mane Nobiscum Domine* (Ibqa' magħna Mulej). Din l-ittra jkollna ċ-ċans li nitkellmu dwarha f'aktar dettal fil-ħarġiet li jmiss tar-rivista tagħna. Biss, tajjeb ngħidu li l-Papa nnifsu jħeġġiġna biex, aktar milli noħolqu attivitajiet ġodda, inġeddu u nsaħħu dak li diġa' qegħdin nagħmlu, kemm fuq livell djoċesan kif ukoll fuq dak parrokkjali. Bħala Knisja f'Malta, tajjeb li nirrifflettu fuq l-attivita' spiritwali tagħna u naraw kif nistgħu ninżlu aktar fil-fond ta' l-ispiritwalita' ewkaristika. Fost il-proposti li nistgħu naħsbu fuqhom insibu:

- l-adorazzjoni perpetwa sa tard bil-lejl
- rużarju mmeditat quddiem Ġesù Sagramentat
- is-sehem tagħna fil-purċissjoni ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù
- sehem aktar ħaj u attiv fil-Quddiesa tal-Ħadd
- aktar silenzju waqt il-Quddiesa
- għixien ta' l-Ewkaristija fil-ħajja ta' kuljum.

Peress li l-Papa f'din l-istess ittra appostolika talabna biex naqraw mill-ġdid id-Daħla għall-Missal Ruman (2000), fis-suppliment ta' din il-ħarġa ssibu l-ewwel parti. Din it-traduzzjoni għad trid tiġi ppreżentata lill-Konferenza Episkopali Maltija għall-approvazzjoni biex wara tintbagħat lill-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u Dixxiplina tas-Sagramenti għar-*recognitio.* Għalkemm jistgħu jsiru xi tibdiliet f'dan it-test, żgur li din il-verżjoni tgħinna biex nirriflettu fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u l-mod kif qed nieħdu sehem fiha.



*Il-Katidral ta' Guadalajara, Messiku*



DUN JESMOND MANICARO

# IT-TIFSIRA U L-VALUR TAT-TALB TA' FILGĦODU U TA' FILGĦAXIJA

## INTRODUZZJONI

*Matul dawn l-aħħar ġimgħat ġew f'idejna żewġ pubblikazzjonijiet importanti ħafna li żgur se jkomplu jgħinu biex nikbru fl-ispiritwalita' liturġika. Il-Patrijiet Franġiskani Minuri, permezz tad-dar tal-pubblikazzjoni tagħhom TAU, ħarġu l-ktieb* Nissaħħu flimkien bit-Talb tas-Salmi: Is-salmi tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar. *Il-Patrijiet Tereżjani ħarġu volum simili bl-isem* It-Talba tan-Nisrani: It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar tal-Liturġija tas-Sigħat.

Filwaqt li ta' l-ewwel hu maħsub biex jintuża primarjament fil-knejjes, meta l-komunita' tinġabar biex titlob flimkien it-talba ta' filgħodu u ta' filgħaxija, dak tat-Tereżjani jista' jintuża kemm fil-knisja kif ukoll fid-dar peress li hu komplut bl-innijiet, qari mill-iskrittura, interċessjonijiet eċċ.

Wieħed irid jiftakar li dawn iż-żewġ proġetti utli qed igħinu biex titwettaq waħda mill-proposti tas-sinodu djoċesan: "Tajjeb li tiġi studjata l-possibbilta' tat-talb tal-liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu." (Dokument tas-Sinodu *Liturġija u Sagramenti,* par 15).

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fl-ittra appostolika *Mane Nobiscum Domine* li ħareġ fis-7 ta' Ottubru 2004 fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena ta' l-Ewkaristija, jgħidilna:

"Fil-kuntest ta' l-edukazzjoni għat-talb nistedinkom biex tagħtu każ aktar tal-Liturġija tas-Sigħat għaliex permezz ta' din it-talba l-Knisja tqaddes id-diversi sigħat tal-ġurnata u ż-żmenijiet tas-sena liturġika" (par 8).

F'dan l-artiklu għandna nsibu għajnuna biex nifhmu aħjar l-importanza ta' dan it-talb.

### Ġesù u t-talb

1. Ġesù kien raġel ta' talb. Kien iħoss lil Alla l-Missier kontinwament preżenti f'ħajtu u kien iwieġeb b'tifħir u radd il-ħajr. Barra minn hekk, hu ra u ħass il-bżonnijiet tan-nies ta' madwaru u ma setax jonqos li kien jinterċedi quddiem il-Missier għall-bżonnijiet tagħhom: kien jitlob għalihom mimli fidi fl-imħabba ta' Alla għall-popli kollha.

2. It-talb ta' tifħir u ta' interċessjoni kienu parti mill-ħajja tat-talb ta' Ġesù, bħalma kienu parti mill-ħajja ta' kull Lhudi. Ġesù, fi tfulitu, tgħallem ħafna talbiet qosra, li skond it-tradizzjoni Lhudija kienu jimlew il-ġurnata tat-talb ta' kull Lhudi. Importanti ħafna kienu t-talbiet ta' qabel l-ikel, l-aktar it-talb qabel l-ikla tas-Sibt filgħaxija: it-talba fuq il-ħobż u fuq l-inbid. Ġesù kien imur kull nhar ta' Sibt fis-sinagoga u josserva l-festi l-kbar fil-kalendarju liturġiku Lhudi. Dan kien jagħmlu sew meta kien jibqa' ġewwa raħal twelidu u sew meta kien jitla' Ġerusalemm.

3. It-talb kien parti ċentrali mill-ministeru ta' Ġesù. Kull ħaġa li kien jagħmel mhux biss kienet tkun akkumpanjata mit-talb, iżda tibda mit-talb u twassal għat-talb. It-talb ma kienx xi ħaġa *extra*, ftit ġelu fuq il-cake, tiżjin mal-mirakli u d-diskorsi tiegħu. Kien parti minn u l-qalba ta' dak kollu li jagħmel.

4. Dan baqa' jagħmlu sal-aħħar ta' ħajtu. Kristu baqa' jfaħħar u jinterċedi kemm meta kien riesaq għall-mewt tiegħu kif ukoll wara li qam mill-imwiet. Talab tul l-aħħar ċena, fil-ġnien taż-żebbuġ, u fuq is-salib.

**_Ġesù kien raġel ta' talb. Kien iħoss lil Alla l-Missier kontinwament preżenti f'ħajtu u kien iwieġeb b'tifħir u radd il-ħajr_**

5. Ġesù għadu jitlob fis-sema. Kristu Rxoxt li qiegħed fil-lemin tal-Missier, ikompli jfaħħar u jinterċedi mis-sema. Il-ktieb ta' l-Apokalissi jpinġielna lill-qaddisin li ma', bi u fi Kristu, jgħannu għana ta' tifħir u interċessjoni quddiem it-tron tas-sema.

### Il-Knisja li titlob

1. "Itlob bla waqfien." Biex il-Knisja tkompli l-ministeru ta' Kristu, hu mportanti ħafna li titlob bla waqfien. Ġesù nnifsu għallem lid-dixxipli jitolbu: "Meta titolbu, itolbu hekk" u tahom il-Missierna bħala t-talba tagħhom.

2. U dan hu li ġara mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata tal-lum. Il-Knisja hi komunita' ta' talb kif ukoll komunita' ta' ħajja attiva. Il-ħajja attiva għandha bżonn il-qawwa tat-talb; it-talb għandu bżonn jiġi mlaħħam fis-servizz. Il-Knisja tal-bidu, kif jidher ċar mill-Atti ta' l-Appostli u fl-ittri ta'



*Is-Sinagoga tal Kafarnaum*

San Pawl, kienet tinġabar biex regolarment tfaħħar lil Alla u titolbu jidħol għaliha.

3. Fit-talb ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, id-dixxipli ta' Kristu matul is-snin:
   - esperjenzaw l-imħabba ta' Alla fi Kristu
   - urew il-preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu
   - komplew il-ministeru ta' talb li beda Kristu
   - xandru l-Bxara t-Tajba
   - għenu biex tinħass il-preżenza ta' Kristu fid-dinja.

4. Aħna msejħin biex nitolbu u lkoll aħna msaħħin mill-Ispirtu s-Santu biex inwettqu dan il-ministeru tant importanti. Kull imgħammed għandu d-dritt u d-dmir li jitlob. Fit-talb aħna nwieġbu għall-preżenza ta' Kristu f'ħajjitna u f'ħajjet l-oħrajn. Fit-talb, aħna nressqu l-bżonnijiet tagħna u l-bżonnijiet ta' ħaddieħor lil Alla.

5. Minkejja lit-talb privat hu mportanti ħafna, it-talb tal-Knisja hu differenti mit-talb privat ta' l-insara. It-talb tal-Knisja hu talb komunitarju. "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi jien inkun f'nofshom." Dan jidher bl-aktar mod ċar fit-talb tal-komunita' nisranija, bil-preżenza ta' l-Isqof, is-saċerdot u d-djakni u l-lajċi.

### Għalfejn nitolbu l-liturġija tas-Sigħat? Għalfejn il-lawdi? (jew it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum)

1. Kristu d-dawl tad-dinja. Fix-xemx tielgħa naraw lil dak li hu d-dawl veru tad-dinja: Ġesù Kristu Sidna. L-insara tal-bidu applikaw is-simboli tax-xemx u tad-dawl għal Kristu. Id-dawl li Kristu jagħti hu s-salvazzjoni, u aħna nirċevuh fil-magħmudija. Għalhekk il-magħmudija kienu jsejħulha dawl.




2. Ix-xemx tielgħa hi ukoll simbolu tal-qawmien ta' Kristu. Fil-kliem ta' San Ċiprijan: "Aħna rridu nitolbu filgħodu biex it-talb tagħna jiċċelebra l-qawmien tal-Mulej."

3. Barra minn hekk, filgħodu aħna nkunu ħafna aktar konxji tal-ħolqien. Inqumu napprezzaw il-mistrieħ ta' ġisimna u moħħna. Inħossu l-ġurnata friska u naraw il-bidu tagħha, bis-sema jbiddel il-kuluri. Inħarsu biex naraw x'temp se jkollna. F'dan il-mument, aħna jkollna wkoll kuntatt magħna nfusna: nilbsu, nagħmlu xagħrna eċċ. Aħna nafu li dawn ġew mogħtija lilna; mhumiex ħolqien tagħna. Filgħodu nagħmlu l-esperjenza ta' Alla l-ħallieq f'ħajjitna. Il-lawdi hu għanja ta' tifħir lil Alla ħallieq ta' kollox.

4. Aħna wlied Ġesù Kristu, persuni li għandna vokazzjoni u ministeru li rridu ngħixu. Filgħodu nħarsu wkoll lejn il-ġurnata li għandna quddiemna, lejn l-opportunitajiet, sfidi, responsabiltajiet, kriżijiet li rridu niffaċċjaw, konxji li rridu nkunu l-idejn u l-vuċi ta' Kristu llum. Il-lawdi hu għanja ta' tifħir lil Alla li tana tant opportunitajiet u sfidi għall-ġurnata u li jsejħilna biex f'dawn iċ-ċirkustanzi tal-ħajja ngħixu l-magħmudija tagħna. Għaldaqstant huwa jagħtina bosta grazzji permezz ta' l-Ispirtu



*L-Uffiċċju divin hu magħmul b'mod illi jqaddes il-medda tal-jum u tal-lejl bit-tifħir lil Alla. Dan it-talb isir leħen l-Għarusa li tkun qed titħaddet mal-Għarus, anzi jkun ukoll it-talba li Kristu, f'għaqda mal-Ġisem tiegħu, iressaq quddiem il-Missier*

s-Santu biex naslu għal dan.

Il-lawdi hu għanja ta' tifħir lil Alla għal Ġesù Kristu, id-dawl tagħna fid-dlamijiet tal-ħajja ta' kuljum, li Alla bagħtu fid-dinja tagħna biex jurina l-imħabba tiegħu għal kull persuna u għad-dinja.

Il-lawdi hu talba ta' interċessjoni biex il-ġurnata li se nibdew tkun ikkonsagrata għax-xogħol u r-rieda tal-Mulej għalina. Hi talba ta' interċessjoni biex inħobbu aktar lil Alla u nservuh fl-oħrajn. Hija wkoll talba ta' interċessjoni lil Alla biex jieħu ħsieb ta' dawk kollha li qed ibatu fiżikament u spiritwalment.

## Għalfejn nitolbu l-liturġija tas-Sigħat? Għalfejn l-għasar? (jew it-talba ta' filgħaxija)

5. **Dawl fid-dlam.** Jekk id-dawl hu simbolu ta' Kristu u l-Knisja tara lil Kristu fix-xemx tielgħa ta' filgħodu, l-insara applikaw l-istess tifsira lid-dwal ta' l-imsiebaħ li fid-dalma tal-lejl idawluna. Kristu hu d-dawl tad-dinja li jiddi f'nofs id-dlamijiet.

6. **Il-waqfa ta' filgħaxija.** Filgħaxija hu l-mument meta ħafna minna jieqfu mix-xogħol tal-ġurnata. Bl-aktar mod naturali nħarsu lura biex naraw kif morna. F'dan il-mument, nirriflettu fuq il-ħajja li għexna skond l-Ispirtu. Kif igħid San Bażilju ta' Ċesarija: "Fi tmiem il-ġurnata aħna nirringrazzjaw lil Alla għall-grazzji li rċevejna u għal dak kollu li aħna wettaqna".

7. **Maħfra.** It-talba ta' filgħaxija għandha wkoll nota ta' maħfra għax tfakkarna fid-dgħufija u nuqqasijiet tal-ġurnata; fin-nuqqas ta' fedelta' lejn il-vokazzjoni tagħna u fir-ras iebsa tagħna.

L-għasar hu talba ta' interċessjoni biex id-dgħufijiet u n-nuqqasijiet tagħna jinħafru u jinħaslu bl-imħabba ta' Kristu.

8. **Ħarsa 'l quddiem.** Id-dawl ibatti ta' filgħaxija imexxi lil qalbna u lil moħħna lejn il-futur. Aħna nitolbu biex isseħħ fil-milja tagħha s-saltna ta' Kristu, d-dawl li qatt ma jiġi nieqes. Fi kliem San Ċiprijanu: "Fil-mument li fih ix-xemx u l-ġurnata ta' din id-dinja jisparixxu, aħna nitolbu biex id-dawl xorta waħda jibqa' magħna. Aħna nitolbu għall-miġja ta' Ġesù Kristu u biex naraw id-dawl etern. Kristu hu x-xemx vera, il-ġurnata vera."

Wara li rajna l-bażi teoloġika ta' l-Uffiċċju Divin, ejjew inħarsu lejn:

## Id-diffikultajiet biex naslu għaċ-ċelebrazzjoni

1. **Imħabbtin ħafna.** Qed issir diffiċli fil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum li nsibu ħin għat-talb. Xi raġunijiet huma fuq livell prattiku. Dak il-ħin tal-għasar inkunu qed nippreparaw l-ikel, jew ngħinu lit-tfal jagħmlu l-homework, jew neħduhom għal-lezzjonijiet tad-duttrina. Aħna nies imħabbtin, għandna ħafna responsabiltajiet u jeżistu ħafna distrazzjonijiet fil-ħajja tagħna.

2. Nagħtu importanza lill-quddiesa u nieqfu hemm. Veru li t-talba tal-Quddiesa hi l-ogħla ċelebrazzjoni liturġika, iżda l-quddiesa mhix l-unika forma ta' talb liturġiku. Forsi wkoll nippreferu ngħidu xi devozzjonijiet popolari, li għalkemm huma tajbin, iridu jkunu f'ħinhom u f'posthom.

3. In-nuqqas ta' formazzjoni biblika u patristika xi drabi tagħmel it-testi tal-liturġija diffiċli biex nifhmuhom. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' formazzjoni liturġika, għadna ma wasalniex biex nifhmu biżżejjed il-valur tat-talb liturġiku.

## Ir-riċetta

Naraw x'inhuma l-elementi bażiċi - l-ingridjenti tal-lawdi u tal-għasar

i. **L-innu**. Dan jitkanta jew jingħad fil-bidu ta' kull liturġija u jkollu referenza għall-ħin tal-ġurnata u għall-istaġun liturġiku.

ii. **Is-salmi.** Bħal-Lhud aħna l-insara dejjem qisna s-salmi bħala l-ktieb tat-talb per eċċellenza. Hemmhekk insibu kantata l-esperjenza umana u spiritwali fid-diversita' kollha tagħha. Għalhekk meta nitolbuhom, faċli nħossu l-istess sentimenti tas-salmista u l-kliem tiegħu jsir tagħna. X'jiġri jekk jien inkun għaddej minn burdata differenti? Niftakar li s-salmi qed ngħidhom f'isem il-Knisja, anzi wkoll f'isem Kristu nnifsu. - "Ifirħu ma min jifraħ u

ibku ma' min jibki" (Rum 12, 15).

Minkejja li huma daqshekk faċli, xi drabi jippreżentawlna xi diffikultajiet, jew aħna u ngħiduhom nitilfu xi punti mportanti. Għalhekk tajjeb li jkollna xi kummentarju fuq is-salmi biex napprezzaw aktar dan it-talb.

Fil-brevjar, is-salmi għandhom miżjuda tifsira kristoloġika, li ftit nagħtu każha. Jien irrid nara x'tifsira messjanika tagħti l-Knisja lis-salmi. Kristu nnifsu stqarr: "Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mose', fil-profeti u fis-salmi". (Lq 24,44).

iii. Għajnuniet oħra biex is-salm jieħu xejra kristoloġika xi drabi nsibuha fl-**antifoni** li jiġu qabel u wara kull salm.

iv. **Il-kantiċi**. Fil-liturġija tas-Sigħat hemm żewġ tipi ta' kantiċi jew poeżija biblika: dawk varjabbli u dawk fissi. Il-varjabbli huma meħuda mit-Testment il-Qadim għal-lawdi u mit-Testment il-Ġdid u l-Apokalissi għall-għasar.

Il-kantiċi fissi huma mit-Testment il-Ġdid: mill-Evanġelju ta' San Luqa għandna l-kantiku ta' Żakkarija u l-Magnificat.

v. **Il-Kelma ta' Alla.** Minbarra s-salmi u l-kantiċi nsibu silta qasira mill-Iskrittura.

vi. **It-tweġiba għall-Kelma**: Bħal dejjem fil-liturġija, wara l-qari tal-kelma jkun hemm it-tweġiba tagħna għal dan il-qari. Ġeneralment it-tweġiba tagħna tibda b'mument ta' silenzju. Tkompli mbagħad b'responsorju qasir.

vii. **Interċessjonijiet**: Element importanti fil-lawdi u l-għasar hu t-talb ta' interċessjoni. Dawn it-talbiet qosra ngħiduhom b'fidi fil-qawwa ta' Alla li jista' jagħtina dak li nitolbu u b'sens ta' solidarjeta' li rridu nuru ma' ħutna bit-talb tagħna għalihom.

viii. **Elementi oħra**: il-Missierna, it-talba ta' l-għeluq u r-riti ta' l-aħħar.

***Kristu hu d-dawl tad-dinja li jiddi f'nofs id-dlamijiet***



FR PAUL SCIBERRAS



# YOM KIPPUR

## JUM IL-MAĦFRA - JUM IT-TPATTIJA

*Fl-10 tax-xahar ta' Tixri, Settembru-Ottubru fil-kalendarju tagħna, il-Lhud kienu jiċċelebraw waħda mill-festi l-aktar importanti tagħhom, il-Yom Kippur.*

Ir-rabbini kienu jsejħu din il-festa sempliċement bl-isem ta' "Il-Jum", u saħansitra d-dettalji tat-tifsira u tat-tħejjija tagħha jinsabu mniżżla fil-Kummentarju tar-Rabbini, il-Mixna, fit-trattat bl-isem ta' Jomà, kelma Aramajka li tfisser "il-Jum". Kienet il-festa tal-Lhud madwar id-dinja kollha, għaliex kienet festa mill-aktar partikolari kemm psikoloġikament u kemm spiritwalment.
Iżrael kien isejjaħ lilu nnifsu l-poplu magħżul u qaddis ta' Alla. Alla kien qata' lill-poplu Lhudi mill-popli l-oħra kollha, għamlu propjetà speċjali u partikolari tiegħu, biex ikun dak li juri lil Alla l-Waħdieni bħala dak li hu l-Qaddis. Fil-fatt, il-qdusija ta' Alla hi dik li taqtgħu għalih waħdu minn kull alla ieħor u tagħmel lil dak kollu li għandu b'xi mod x'jaqsam miegħu qaddis ukoll. Tkun qaddis ifisser tkun għal kollox ta' Alla, f'dak kollu li int u f'dak kollu li tagħmel.
Il-Ktieb tad-Dewteronomju jgħid li Mosè u l-qassisin Leviti kellmu lil Iżrael kollu u qalulhom: "Iskot u isma', Iżrael, illum inti sirt poplu tal-Mulej, Alla tiegħek. U smajt il-leħen tal-Mulej, Alla tiegħek, u

inti għamilt l-ordnijiet tiegħu, u l-preċetti tiegħu, li jien ordnajtlek illum" (27,9-10). U Iżrael kien kburi tassew li hu l-poplu speċjali ta' Alla qaddis. "Għax inti poplu qaddis għall-Mulej, Alla tiegħek; minn fost il-popli kollha li jinsabu fuq wiċċ l-art, lilek għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex tkun il-poplu miksub tiegħu" (Dt 7,6).
Biex iżomm il-qdusija tiegħu, il-poplu kellu l-liġijiet partikolari tiegħu, l-aktar dawk li nsibu fil-Ktieb tal-Levitiku 17-26, imsejħa l-Kodiċi, jew il-Liġijiet tal-Qdusija. Kollox kien immirat li jagħmel lill-poplu Lhudi poplu qaddis: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom" (Lev 19,2).
Imma ġara li "huma warrbu l-Liġi tal-Mulej ta' l-eżerċti u stmerrew il-kelma tal-qaddis ta' Iżrael" (Iż 5,2): il-poplu l-magħżul waqa' u għamel ħtijiet l-aktar gravi, ħtijiet b'konsegwenzi koroh, kontra Alla u kontra bnedmin oħra. Kien jeħtieġ li ssir tpattija għalihom. Imma fuq kollox kien jeħtieġ li l-poplu jikkonverti, idur lejn Alla biex jaqla' l-maħfra u jerġa' jibda jkun il-poplu li hu: dak li juri f'għemilu stess il-qdusija ta' Alla.
L-Iskrittura tagħtina eżempji ċari ta' tliet għamliet ta' tpattija u penitenza:

i) dik INDIVIDWALI, bħal dik li għamel is-sultan Sawl (1Sam 15,24);
ii) KOLLETTIVA, bħal dik li għamel il-poplu Lhudi wara li qiem l-għoġol tad-deheb (Eż 32,30);
iii) u NAZZJONALI, meta n-nazzjon sħiħ ta' Iżrael darba fis-sena jagħmel il-penitenza u jitlob il-maħfra ta' ħtijietu.

Jum il-Maħfra jew it-Tpattija kien jum ikkaratterizzat minn sawma ta' ġurnata sħiħa, li fiha wieħed ma seta' jieħu xejn, lanqas ilma!
F'din il-festa, il-Qassis il-Kbir kien ikollu s-sehem prinċipali. Kien jinqata' mill-poplu sebat ijiem qabel, u waħdu kien jitlob u jagħmel penitenza għalih personali u għal-Lhud li tagħhom kien il-kap spiritwali.

Jum il-maħfra jitlob li wieħed jagħraf ħtijietu biex jagħmel tpattija tagħhom kif jixraq. Għalhekk il-Lhud kienu jinġabru madwar it-Tempju ta' Ġerusalemm u ma jagħmlu xejn li seta' b'xi mod iwarrbilhom ħsiebhom mill-għan ta' dak il-Jum. Ikel, xorb, ħasil, tiżjin, saħansitra l-att taż-żwieġ, kien kollu projbit li jsir f'dak il-jum.

## Projbizzjoni oħra għal dak il-jum

***O Mulej, nitolbok, aħfirli ħtijieti, li jien għamilt, u wettaqni quddiemek***

kienet ix-xogħol: ħadd ma seta' jaħdem għax dak il-jum kien jum qaddis li fih kull Lhudi kellu jerfa' ħsiebu u qalbu lejn Alla biex il-poplu kollu jerġa' lura lejn il-Mulej Alla tiegħu.
Wieħed mill-kittieba storiċi Lhud, Filun ta' Lixandra, jgħid li Jum it-Tpattija kellu tliet għanijiet:

i) għan penitenzjali, biex Alla jilqa' s-sawm, it-talb u s-sagrifiċċji tal-poplu u jaħfirlu;
ii) għan ta' supplikazzjoni, li kienet issir fit-tempju u fis-sinagogi biex Alla jisma' t-talba ta' ndiema tal-poplu;
iii) għan ta' ferħ, għall-maħfra li Alla jagħti lill-poplu wara li juri sogħba u ndiema ta' ħtijietu.

It-tifsira tal-kelma "Kippur" tista' tgħidilna għaliex kienet festa daqstant importanti psikoloġikament u wkoll spiritwalment. Aktarx li "Kippur" ġejja mill-verb Lhudi bl-għerq K-P-R, li jfisser "tgħatti, tostor, taħbi". Id-dnub, minħabba li hu t-tebgħa kontra l-qdusija nnfisha ta' Alla, jeħtieġ li jiġi mgħotti, mistur, biex ma jkomplix ikun t-tiċpisa fuq il-perfezzjoni ta' Alla nnifsu. Inkella l-midneb jixraqlu li jiġi mistur hu stess u forsi wkoll imbiegħed mill-bqija tas-soċjetà u tal-poplu l-qaddis ta' Alla. Fil-Yom Kippur isseħħ din it-tindifa, din is-satra tad-dnubiet u l-bniedem jiġi meħlus mill-passat imtebba' tiegħu. Kienu x'kienu l-iżbalji tiegħu, il-ħtijiet tiegħu u dnubietu, issa jiġi meħlus minnhom ħalli terġa' tleħħ fih ix-xbieha qaddisa ta' Alla.

Min jiddeċiedi li jerġa' jdur lejn Alla u jikkonverti, iqiegħed mistoqsijiet dwar kif qiegħed jgħix, u jikseb ħelsien sħiħ. Hemm tliet mogħdijiet li wieħed jista' jaqbad biex jikseb din it-tpattija u ħelsien:
i) it-talb, li fih jiġu magħrufa l-ħtijiet u t-tpattija mfittxija;
ii) is-sawm, biex wieħed ikun jista' jingħata b'mod sħiħ għal din it-tfittxija ta' qawmien spiritwali;
iii) il-karità, bil-Lhudi "zedakà".

Il-personaġġ l-aktar ċentrali u mportanti fil-festa ta' l-Espjazzjoni huwa l-Qassis il-Kbir, għaliex dan kellu jagħmel "it-tpattija għalih innifsu, għal daru u għall-poplu kollu ta' Iżrael" (Lev 16,11). Il-funzjoni liturġika kollha, l-ilbies li kien jilbes u b'mod partikolari f'Jum l-Espjazzjoni, il-plakka bi tnax-il ħaġra prezzjuża li tkun fuq sidru (simbolu tat-tnax-il tribù ta' Iżrael), kif ukoll id-daqq tat-trombi

***Jum il-maħfra jitlob li wieħed jagħraf ħtijietu biex jagħmel tpattija tagħhom kif jixraq***



tal-fidda msieħeb mill-kant, kienu jimpressjonaw lil kulħadd bil-ġmiel u s-sollennità tagħhom (ara Sir 50).

Għal Jum it-Tpattija fit-tempju kienet tiddendel purtiera speċjali, irrakkmata u mdendla b'ganċijiet tad-deheb. Ma kienet tinfetaħ qatt matul is-sena, ħlief nhar Jum il-Festa, meta l-Qassis il-Kbir kien jidħol 'il ġewwa minnha bid-demm ta' l-annimali f'bieqja. L-ilbies l-aktar użat kien l-abjad għax ifakkar fl-ilbies tal-kefen, u jkun aktarx ħafi, sinjal ta' penitenza.
Wara l-ikla ta' filgħaxija ta' lejlet il-Yom Kippur, kienu jsiru żewġ stqarrijiet ta' dnubiet: dik tal-ħtijiet kontra Alla, kontra l-proxxmu, kontra l-kmandamenti u d-dmirijiet ta' l-individwu; it-tieni waħda hija dik tal-ħtijiet volontarji u involontarji. Imbagħad tingħata l-maħfra tal-voti, wegħdiet u ġuramenti li ma twettqux, imsejħa l-Kol Nidrè (= il-wegħdiet, il-ħalfiet kollha), skond il-prinċipju ta' Koħelet (5,3-4).

Imbagħad, min ikun jiflaħ, kien jgħaddi l-lejl fit-talb, sawm u penitenzi (ara Lev 23,27-32). Mat-tbexbix isir qari meħud mill-Kotba Mqaddsa, maħsub li jqanqal għal aktar indiema.

Wara l-qari tibda ċ-ċerimonja prinċipali, li fiha jieħu sehem biss il-Qassis il-Kbir. Sebat ijiem qabel il-festa, il-Qassis il-Kbir kien jitbiegħed minn sħabu l-qassisin l-oħra u jmur jgħix waħdu, jitlob u jsum. Għall-festa mbagħad hu kien jieħu diversi banjijiet ta' purifikazzjoni ritwali, biex ikun jista' jilbes l-ilbies speċjali u jressaq it-talba ta' maħfra għalih innifsu u għall-poplu kollu. L-ewwel ma jagħmel malli jiġi mwassal mix-xjuħ fit-tempju kien li joffri s-sagrifiċċju ta' kuljum. Imbagħad jidħol fl-aktar parti qaddisa tas-santwarju tat-tempju-il-Qaddis tal-Qaddisin-u hemm jitlob il-maħfra, u joħroġ mis-santwarju. Jiġu mressqa quddiemu żewġ bdabad u jintgħażel wieħed minnhom bix-xorti. Il-qassis il-kbir jagħmel idejh fuqu u jgħid it-talba: "O Mulej, jien għamilt dak li hu ħażin f'għajnejk u dnibt bil-kbir. Dan għamiltu jien, dari, u wlied Aron. O Mulej, nitolbok, aħfirli ħtijieti, li jien għamilt, u wettaqni quddiemek. Għaliex hekk hemm miktub fil-liġi" (Lev 16). Il-bodbod, issa mgħobbi bid-dnubiet tal-qassis il-kbir u tal-poplu, jittieħed fid-deżert u jitħalla hemm.

Wara, il-bodbod l-ieħor jiġi maqtul, demmu jitqiegħed f'bieqja, u l-bqija jinħaraq bħala sagrifiċċju ta' tpattija. Il-Qassis il-Kbir jieħu l-bieqja bid-demm u jerġa' jidħol fis-santwarju, waħdu, u jroxx id-demm fuq l-erba' kantunieri ta' l-għatu ta' l-arka, il-kapporet (għax "tgħatti" l-arka, bħalma jridu jitgħattew il-ħtijiet tal-poplu). Dan il-ġest għandu tifsira mill-aktar għolja. L-arka hija l-ogħla simbolu tal-preżenza ta' Alla fost il-poplu. Id-dnubiet li tagħhom qegħdin jintalbu maħfra fil-Yom Kippur huma l-offiżi li saru kontra dak Alla li jgħammar fost il-poplu tiegħu. Id-demm tal-vittma ta' tpattija li jiġi mraxxax fuq l-għatu mill-Qassis il-Kbir f'isem il-poplu kollu huwa s-sinjal ta' l-impenn sħiħ li l-poplu kollu qiegħed jerġa' jagħmel ma' Alla. L-impenn hu ssiġillat mid-demm, li jfisser l-istess ħajja: il-poplu jorbot ħajtu stess ma' dak l-impenn! Il-qassis ma jdumx jitlob fis-santwarju għax dak hu l-aktar post qaddis; joħroġ u jsawwab il-bqija tad-demm fuq in-nies li jkunu jistennew barra.

Wara dan, jidħol għall-aħħar darba fis-santwarju biex ilissen l-isem qaddis ta' Alla: l-isem li kontrih saru l-ħtijiet; l-isem li minnu tintalab il-maħfra; l-isem li miegħu jerġa' jsir l-impenn ta' ħajja aktar qaddisa li tixraq lill-poplu ta' Alla qaddis. Wiċċu ma' l-art, il-qassis il-kbir ilissen l-erba' konsonanti (J-Ħ-W-H) ta' l-isem ta' Alla.

Hija festa li lilna llum ukoll tagħtina sens kull meta nitolbu maħfra lil Alla. Aħna wkoll nitolbu maħfra għax inqasna lil Alla qaddis. Aħna wkoll nitolbu maħfra lil dak li għamilna xbieha tiegħu; xbieha qaddisa, mela. Aħna wkoll nintrabtu li nagħmlu ħilitna kollha biex nerġgħu ngħixu ħajja li tixraq lil min hu xbieha ta' Alla ħaj u qaddis. Mument li hu tassew qawwi fil-Liturġija tal-Quddiesa huwa l-mument meta ngħidu l-"ħaruf ta' Alla". Kristu Ġesù huwa l-ħaruf ta' Alla għax permezz ta' demmu, li xxerred għalina fil-passjoni tiegħu, u li fil-Quddiesa jinsab mill-ġdid fil-kalċi mbierek, aħna ksibna mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla. Imma hemm tifsira tassew qawwija fil-kelma "ħaruf". Fl-Aramajk, il-lingwa li kien jitkellem Ġesù, biex tgħid "ħaruf" u biex tgħid "iben" tuża l-istess kelma (talèħ). Dan hu li nistqarru meta għal tliet darbiet nistqarru lil Ġesù bħala l-ħaruf ta' Alla, u nitolbuh iħenn għalina. Dan hu wkoll li nistqarru meta s-saċerdot jurina l-ġisem ta' Ġesù, jgħidilna li "dan hu l-ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja".

Fil-quddiesa, niċċelebraw kuljum il-Yom Kippur; għalina, fi Kristu Ġesù, kull jum huwa "jum il-maħfra"!

# ĊELEBRAZZJONI
## GĦALL-AĦĦAR JUM TAS-SENA ĊIVI-




Kif tispiċċa t-Talba ta' wara t-Tqarbin, fuq l-altar jitqiegħed reċipjent li fih jista' jinħaraq l-inċens. Imbagħad iċ-ċelebrant jitfa' l-inċens u jgħid:

*O Alla, niżżuk ħajr għall-grazzji kollha li tajtna matul din is-sena li waslet biex tintemm; ħa jitla' t-talb tagħna bħal inċens ifuħ quddiemek; agħmel li, bħalma l-fwieħa tiegħu qiegħda timla dan it-tempju, hekk ukoll il-Knisja tiegħek, matul is-sena l-ġdida, timla d-dinja bir-riħa tfuħ ta' Kristu.*

Wara jitkanta t-Te Deum. Jekk ma jkunx hemm min imexxi dan il-kant ta' radd il-ħajr, dan l-innu jista' jingħad. Hawnhekk qed inġibu l-verżjoni forma ta' poeżija li kienet inkitbet minn Mons. Ludovik Mifsud Tommasi.

Kif jispiċċa l-kant jew ir-reċita tat-Te Deum, iċ-ċelebrant igħid:

*O Alla, ilqa' r-radd ta' ħajr tagħna u isma' t-talb ta' wliedek; agħmel li nqawwu qalbna fis-sena l-ġdida li ġejja, biex neħilsu minn kull deni, ngħixu fil-paċi, u nħabirku għall-bini tas-saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.*

Imbagħad is-saċerdot u l-abbatini jmorru quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Meta jaslu, titkanta s-Salve Regina.

*SALVE, Regina, mater misericordiae,*
*vita, dulcedo, et spes nostra, salve.*
*Ad te clamamus exsules filii Hevae.*
*Ad te suspiramus, gementes et flentes*

*in hac lacrimarum valle.*
*Eia, ergo, advocata nostra, illos tuos misericordes oculos ad nos converte.*
*Et Iesum, benedictum fructum ventris tui, nobis post hoc exsilium ostende.*
*O clemens, O pia, O dulcis Virgo Maria. Amen.*

Is-saċerdot jinċensa x-xbieha tal-Madonna, imbagħad jgħid:
*Nitolbu. Missier qaddis, int qegħidt il-Verġni mqaddsa Marija bħala dawl qawwi biex jiddi fil-Knisja tiegħek matul il-pellegrinaġġ tagħha fuq din l-art; aħna nfaħħruk u nroddulek ħajr talli għoġbok iżżommna taħt il-ħarsien tagħha matul is-sena li waslet biex tispiċċa; nitolbuk biex bl-interċessjoni tagħha tqawwi l-fidi u t-tama tagħna, ħalli fis-sena l-ġdida, li fi tjubitek se tagħtina, ebda tiġrib ma jwarrabna mit-triq tas-salvazzjoni, imma lkoll flimkien nibqgħu miexja f'għaqda ta' mħabba bejnietna, sa ma naslu fl-hena tas-saltna tiegħek. Bi Kristu Sidna.*
*R/. Amen.*

Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bil-barka tal-Quddiesa:
*Il-Mulej magħkom.*
*R/. U miegħek ukoll.*
*Iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier, u l-Iben, + u l-Ispirtu s-Santu.*
*R/. Amen.*
*Morru u xandru lil kulħadd il-ferħ u l-paċi ta' Kristu.*
*R/. Inroddu hajr lil Alla.*

# TE DEUM

## TA' MONS. LUDOVIK MIFSUD TOMMASI

It-tifħir nagħtuk, Mulejja,
Alla u Sidna nistqarruk
O Missier li int minn dejjem,
kemm hemm ħlejjaq ġieh jagħtuk.

Jagħtuk ġieh l-Anġli tas-sema
is-smewwiet u l-qawwa tagħhom.
Kerubini u Serafini
ta' sikwit iberkuk magħhom.

Ja Qaddis, Qaddis, Qaddis
Alla sid il-ħlejjaq kollha.
L-art u s-sema bik mimlija;
Ismek jikber u jitgħolla.

Tal-Appostli l-ġemgħa mqaddsa
kemm profeti ġew ħabbruk.
Ma' kemm martri ċarċru demmhom
ma jagħmlux ħlief ifaħħruk.

F'din l-art il-Knisja mqaddsa
tistqarr lilek kullimkien
O Missier, kbir, ta' bla tarf,
Alla kbir mingħajr qisien.

Tistqarr 'l Ibnek li hu wieħed
għax jistħoqqlu l-akbar ġieh.
Miegħu ukoll 'l ruħ il-Qodos
hi tistqarr u qima ttih.

Int Ġesù, Sultan tal-glorja
tal-Missier Iben etern.
Ħdan Marija ma stmerrejtx
biex teħlisna mill-infern.

Kif mill-mewt int ħriġt bir-rebħ
u lill-għadu ġibt minn taħt;
u għal dawk li jemmnu fik
minn tas-sema s-saltna ftaħt.

Ta' Missierek fost id-dija
Inti qiegħed fil-lemin.
U nemmnuh li nhar il-ħaqq
tiġi mħallef tal-bnedmin.

Nitolbuk, għalhekk, Mulejja,
li għajnuna fis tagħtina.
Int li b'demmek il-għażiż
ridt u għoġbok li tifdina.

Agħmel int li għala dejjem
aħna niġu magħqudin
mal-maħtura li fil-ġenna
ingawduk mal-qaddisin.

Minn kull deni lilna ħares
għaliex aħna l-ulied tiegħek,
lilna bierek sabiex f'sehem
nistgħu nidħlu tal-wirt tiegħek.

Int mexxina hekk kif jogħġbok
u għal dejjem int għallimna,
biex kuljum lilek inbierku
għaliex int qalbek ħanina.

Biex għal dejjem minn ta' dejjem
aħna nfaħħru l-isem tiegħek;
la tħallix li nsiru ħatja
indukrana kuljum miegħek.

Ħenn għalina, minna ħenn,
agħmel dejjem ħniena magħna.
Daqskemm tara li fik qegħda
l-iżjed kbira tama tagħna.

Aħna fik bla tmiem nitimgħu
tama ħliefek ma għandniex;
li nintilfu għala dejjem
le, Mulejna, tħalliniex.



# ĊELEBRAZZJONI
## FIL-BIDU TAS-SENA ĊIVILI

Fil-bidu tal-Quddiesa, wara r-Radd tas-Salib tista' tingħata din it-tislima:

*Iberikna l-Mulej u jħarisna,*
*jixħet fuqna d-dija ta' wiċċu*
*u jħenn għalina,*
*iħares lejna bi mħabba u*
*jagħtina l-paċi.*
*R/. Amen.*

Wara t-Talba ta' Wara t-Tqarbin, is-saċerdot imur quddiem xbieha tal-Madonna u jgħid:

*Sliem għalik, Omm qaddisa; int ġibt fid-dinja s-Sultan glorjuż li jsaltan fuq is-sema u l-art.*
*Fil-ġuf safi tiegħek, l-Iben ta' Alla sar bniedem u twieled minnek, u int bqajt verġni bla mittiefsa.*
*Infaħħruk u nigglorifikawk,*
*Omm Alla.*

Titkanta s-Salve Regina waqt li s-saċerdot jinċensa x-xbieha tal-Madonna:

*SALVE, Regina, mater misericordiae, vita, dulcedo, et spes nostra, salve. Ad te clamamus exsules filii Hevae. Ad te suspiramus, gementes et flentes in hac lacrimarum valle. Eia, ergo, advocata nostra, illos tuos misericordes oculos ad nos converte. Et Iesum, benedictum fructum ventris tui, nobis post hoc exsilium ostende. O clemens, O pia, O dulcis Virgo Maria. Amen.*

Nitolbu:

*O Alla, ħares il-poplu tiegħek li qiegħed jibda sena ġdida taħt il-protezzjoni ta' l-imqaddsa Marija, Omm Alla, li tatna lil Ibnek il-waħdieni, li hu miegħek fil-glorja minn dejjem ta' dejjem u li sar bniedem biex isalvana;*
*agħtina l-grazzja li, kif Marija laqgħetu l-ewwel fir-ruħ qaddisa tagħha u mbagħad fil-ġuf safi tagħha, hekk aħna nilqgħuh b'fidi sħiħa biex nuruh lid-dinja bit-tħabrik tagħna għall-ġustizzja u l-paċi.*
*Bi Kristu Sidna.*
*R/. Amen.*

Il-Barka ta' l-għeluq tittieħed mill-Missal paġna 398.


Awguri
Il-Bord Editorjali jawguralek
il-Milied u s-Sena t-Tajba,
mimlija Paċi u Ferħ fil-Mulej